# L-attività tal-*Veneranda Cassa delle S.S. Anime Purganti* ta' Ħal Kirkop

## fis-seklu għoxrin

*Kitba ta' Kan Dun Jonathan Farrugia©*

**_Nota Editorjali_**

*Sa mill-bidu li beda jiġi ppubblikat dal-Ktieb tal-Festa, l-Edituri dejjem kienu* avantgarde *biżżejjed li ma jilbsux xi kappestru u jinkludu biss artikli b'tema Josefoloġika jew dwar is-Soċjetà. L-istorja soċjo-reliġjuża ta' Ħal Kirkop, speċjalment dik ta' matul l-aħħar mitt sena, dejjem ingħatat importanza kbira. Fost l-għaqdiet diversi li kienu jeżistu fil-Parroċċa tagħna, wieħed kien isib is-Sodalità tal-Agunija jew kif kienu jafuha aħjar il-Koppin, tal-Erwieħ. Din l-għaqda kellha d-dmir li tieħu ħsieb iċ-Ċimiterju, it-tqassim tal-oqbra u l-quddies suffragat għall-erwieħ tal-mejtin. F'dan l-artiklu, il-Kan. Dun Jonathan Farrugia jagħti ħarsa lejn wieħed mir-reġistri ta' din l-għaqda u jitfa' dawl ġdid dwar l-attività li kienet tkun għaddejja minnha. Inċidentalment dan ir-reġistru jibda bil-Prokura ta' Salvu Spiteri, is-Surmast, li fis-snin erbgħin, inħatar Prokuratur tal-Fratellanza u President tas-Soċjetà Ġużeppina.*

### Xi konklużjonijiet li nistgħu naslu għalihom mill-ktieb tal-amministratur

Ktieb ta' fondazzjoni ma joffrix biss l-informazzjoni li hemm miktuba fih; spiss jagħti wkoll ħjiel ta' materjal ieħor li hu ma jġibx, imma li tiegħu hu jagħti biżżejjed spunti biex l-istudjuż jasal għalih. Dan il-ktieb partikulari li kelli aċċess għalih inbeda fl-1924[1] u nafu li huwa t-tielet wieħed. Min-nota li hemm f'paġna 2[2] nafu li t-tieni ktieb kien inbeda fl-1807 u baqa' jintuża sal-1924. Dan it-tieni ktieb kien jinżamm għand il-Prokuratur tal-Cassa u kien fl-1934 li ngħata lill-Kappillan biex jinżamm fl-arkivju parrokkjali. Minn hawn naslu għall-konklużjoni[3] li din l-għaqda twaqqfet f'Ħal Kirkop xi żmien fis-seklu tmintax, jew inkella lejn tmiem is-seklu sbatax.



Salvu - Spiteri – Is-Surmast, li serva bħala Prokuratur tal-Veneranda Cassa delle Ssme. Anime Purganti f'Ħal Kirkop mis-sena 1924.

Ftit ilu rreferejt għal din il-Veneranda Cassa bħala 'fondazzjoni'. Fil-fatt din ma kinitx għaqda li fiha jinkitbu l-membri. Isimha magħha: hi kaxxa. Normalment kienet tkun kaxxa tal-flus impoġġija fuq xi artal fil-knisja li minnha kienu jitħallsu (kif se naraw) xi spejjeż għat-tifkira tal-mejtin kif ukoll biex jinxtara xi apparat li jintuża fil-funerali jew li kienu jintramaw mat-tubru. Spiss, meta kien jinbet il-ħsieb li tinbena kappella fiċ-ċimiterju tar-raħal, bħalma ġara fil-każ ta' Ħal Kirkop u ta' rħula oħra, l-ewwel bagatella kienet titħallas mill-flus li kienu jkunu ntefgħu f'din il-kaxxa min-nies. Kien ikun hemm prokuratur li kull tant żmien kien ineħħi l-flus, jiddepożitahom fil-bank (normalment tal-Kurja, li kien imsejjaħ *Cassa delle pie amministrazioni*) u jħallas l-ispejjeż li jinqalgħu.

Dan li qed nitkellmu dwaru, għalhekk, huwa t-tielet (u l-aħħar) ktieb li fih kienu jinżammu l-kontijiet mill-prokuraturi ta' bejn l-1924 u l-1975. Dawn kienu Salvatore Spiteri (1924-1934), Dun Franġisk Xuereb (1934-1937), Dun Ġużepp Inguanez (1937-1942), Dun Ġużepp Zarb (1942-1943) Dun Mikiel Spiteri (1943-1952), Dun Pantaleone Orland (1952-1953), Dun Pawl Farrugia (1953-1955), Dun Luigi Deguara (1956-1962), Dun Ġużepp Theuma (1962-1967), Dun Angelo Vella (1968-1975).

## It-tqassim tal-ktieb

Skont l-indiċi, il-ktieb huwa mqassam f'sitt taqsimiet li jinkludu l-inventarju tal-oġġetti li kienu l-proprjetà tal-Cassa (1), il-kapital li kellha minn tliet investimenti (2), reġistru tad-dħul minn ġabriet (3), reġistru tal-infiq (4), rapport tad-dħul u l-ħruġ imqassmin sena sena kif kienu jintbagħtu l-Kurja (5) u parti fuq l-infiq relatat mal-bini tal-kappella taċ-ċimiterju (6). Din l-aħħar parti tinsab imniżżla bħala l-aħħar waħda fl-indiċi imma, skont is-sekwenza tal-paġni, tinsab inkluża mat-tielet u r-raba' taqsima.

Taħt l-indiċi, qabel tibda l-ewwel parti li ġġib l-inventarju, insibu tliet osservazzjonijiet li kiteb il-Prokuratur Spiteri, li kien l-ewwel wieħed li beda juża dan il-ktieb. Dawn jgħidu:

- il-ktieb preżenti fih 192 paġna u huma kollha nnumerati;
- il-ktieb qed jinżamm skont l-ordnijiet tar-reviżur ġenerali tal-kontijiet, u jagħmel referenza għal nota li tinsab f'paġna 270 tat-tieni ktieb;
- it-tieni ktieb, li f'xi postijiet hemm referenza għalih, huwa dak li kien inbeda fl-1807 u baqa' jintuża sal-1924. Imbagħad hemm nota b'inka differenti li tgħid li dan it-tieni ktieb ingħata lill-Arkivju Parrokkjali fit-13 ta' Jannar 1934.

Ir-raġuni għala l-paġni kienu jkunu nnumerati, kienet l-ewwel u qabel kollox biex jiġu evitati l-abbużi ladarba dawn kienu kollha reġistri ta' kontijiet. Ir-reviżur ġenerali tal-kontijiet li jissemma fit-tieni nota kien impjegat tal-Kurja li kull tant żmien kien jiġbor mingħand kull għaqda, fratellanza u fondazzjoni tal-parroċċi kollha ta' Malta, l-kontijiet bid-dettalji tad-dħul u l-ħruġ.

## L-inventarju

L-ewwel taqsima, bħalma għedna, fiha lista tal-oġġetti (*mobigli, arredi sacri ed altri oggetti*) li huma proprjetà ta' din il-Cassa. F'xi każijiet insibu wkoll l-ismijiet ta' min ħallas għalihom u xi referenzi għal paġni oħra ta' dan il-ktieb jew tat-tieni wieħed fejn insibu aktar dettalji.

Il-lista tinkludi dawn l-affarijiet:

1. faldrappa tal-bellus iswed bil-gallun tas-satin isfar biex titpoġġa fuq it-tubru;
2. żewġ tuniċelli suwed bil-gallun tas-satin isfar;
3. erba' gandlieri kbar tal-ħadid miżbugħin suwed u b'xi dekorazzjonijiet tad-deheb, mogħtija mill-Kappillan Dun Ġużepp Barbara D.D. skont it-testment tiegħu tal-1927 kif jinsab fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia;
4. pjaneta tad-damask iswed bil-gallun tad-deheb, ukoll mogħtija minn Dun Ġużepp Barbara skont it-testimonjanza verbali ta' Ġużeppi Grima;
5. erba' pitturi ta' rjus ta' mewt suwed fuq il-kartun biex jitpoġġew max-xemgħat madwar it-tubru. Min-nota li nsibu f'paġna 92 tal-istess ktieb nafu li dawn tħallsu fit-2 ta' Novembru 1925 u swew erba' xelini u sitt soldi;
6. sitt xemgħat tal-molla miksijin b'xemgħa samra għall-altar maġġur. Dawn saru minn Mikiel Tabone taż-Żejtun, swew lira u seba' xelini u tħallsu fit-2 ta' Novembru 1928[4];
7. sittax-il xemgħa kbira biex jitpoġġew madwar it-tubru. Dawn ukoll saru minn Mikiel Tabone u swew erba' liri ħames xelini u għaxar soldi u żżanżnu f'Novembru 1926. Dawn ma tħallsux f'daqqa, għax fl-1926 tħallas biss id-depożitu ta' lira, żewġ xelini u sold u l-bqija tħallas wara;
8. żewġ bankijiet tal-injam miżbugħin suwed biex fuqhom jitpoġġew ix-xemgħat madwar it-tubru. Dawn iżżanżnu fl-1925 u swew lira u erba' xelini[5];
9. żewġ kotba tal-quddies tal-mejtin, wieħed minnhom b'salib tal-fidda fuq il-qoxra. Dwar dawn iż-żewġ missali għanda żewġ referenzi: wieħed minnhom inxtara f'Marzu 1926 għall-prezz ta' erba' xelini u sitt soldi u żżanżan għall-quddiesa tat-tieni Ħadd tar-Randan li saret għas-suffraġju tal-erwieħ[6], waqt li l-ieħor jissemma fil-kontijiet ta' Novembru 1930 u sewa sitt xelini[7];
10. erbgħa u għoxrin fanal tal-landa miżbugħin suwed biex issir mixgħela taċ-ċimiterju matul ix-xahar Novembru. Dawn saru fl-1926 mil-landier Ġużeppi Galea u swew lira u ġew restawrati diversi drabi[8]. Għalihom inxtraw ukoll 24 tazza mingħand Concetta Sacco għal żewġ xelini[9]. Uħud minn dawn it-tazzi nbidlu s-sena ta' wara għax inkisru minħabba l-maltemp[10], u reġgħu nbidlu kollha fl-1931[11] u xi drabi oħra wara;
11. faldrappa lussuża tal-bellus iswed b'disinji magħmulin bil-gallun tas-satin isfar u erba' pjumi għal magħha. Din tħallset fl-aħħar tas-sena 1938 bil-ħsieb li tintuża għall-okkażjonijiet speċjali, bħal xi mewt ta' isqof, papa jew re. Il-bellus, iċ-ċfuf, il-frenża u l-gallun inxtraw



**Dun Ġużepp Inguanez kien il-Kappillan li ta l-bidu għall-ġbir u l-kostruzzjoni ta' Kappella ġdida ddedikata lil San Nikola fiċ-Ċimiterju msemmi għall-istess qaddis.**

mingħand Carmelo Galea, iben il-mejjet Filippu, għal tliet liri, sbatax-il xelin u żewġ soldi. Il-ħjata saret bla ħlas minn ħajjata li ma tissemmiex b'isimha u d-disinn li esegwiet sar b'xejn mill-Kappillan Inguanez[12];

12. kappa sewda tas-satin li ngħatat mis-Società dei Tabernacoli[13] fl-1940. Il-kappa, li kienet *"di seta nera damascata"*, ġiet irregalata minn din l-għaqda wara li saret talba mill-Kappillan Ġużeppi Inguanez nhar l-20 ta' Settembru 1939 u kellha tintuża f'funerali kbar kif ukoll fit-tberik solenni taċ-ċimiterju li kien isir ta' kull sena fl-1 ta' Novembru[14].

## Il-legati u l-kapitali

Imiss issa nagħtu daqqa t'għajn lejn l-investimenti li kellha din il-fondazzjoni, u li minnhom kienet iddaħħal xi flus. F'dan il-ktieb insibu msemmija tliet sorsi, u magħhom hemm nota mill-Prokuratur Spiteri li l-legati l-oħra li jissemmew fit-tieni ktieb hawn ma ġewx inklużi minħabba li ma jeżistux[15]. Probabbilment dawn kienu xi legati fittizji li kienu ilhom jissemmew u mbagħad saret ir-riċerka dwarhom u rriżulta li fil-fatt ma kien hemm xejn veru.

L-ewwel legat li jissemma huwa ta' Maddalena Chircop. Din kienet biegħet xi proprjetà lill-Kanonku Salvatore Scerri nhar l-1 ta' Mejju 1836 skont ma jinqara fl-atti tan-Nutar P.P. Farrugia. Is-somma li tħallset kienet ta' 120 skud. Dawn inqasmu nofs lill-Veneranda Lampade tal-parroċċa u n-nofs l-ieħor lill-Veneranda Cassa delle S.S. Anime Purganti. Il-flus ġew depożitati fil-bank tal-Kurja fit-3 ta' Settembru 1846 u kienu jħallu imgħax ta' tliet xelini fis-sena[16]. L-aħħar nota ġejja mis-snin tal-kappillan Dun Angelo Vella fl-1973.

It-tieni sors ta' dħul ġej minn kapital mogħti lill-Cassa, mhux minn legat. Li ġara kien, li Antonio Ellul, li kien prokuratur f'nofs is-seklu 19, instab li kellu jagħti lil-legat ta' Maddalena Chircop, 53 skud u tmien tarì. Dan ġie magħruf waqt ir-reviżjoni tal-kontijiet ta' nhar is-26 ta' Settembru 1851. Xahar wara, fit-22 ta' Ottubru, l-isqof ħareġ digriet li bih ordna lil Ellul jagħti l-flus li kien ħa jew li kien naqas milli jiġbor. Għal xi raġuni Ellul dam ma ta dawn il-flus disa' snin. Fid-29 ta' Novembru 1860 hu ddepożita l-flus fil-bank tal-Kurja quddiem in-nutar Giuseppe Metropoli. Ir-renti kienu ta' żewġ xelini u tmien soldi u nofs fis-sena[17]. L-aħħar nota ġejja mill-1975 fejn hemm miktub li l-bilanċ tal-kapital kien ta' Lm5.55.

L-aħħar dħul kien jiġi minn biċċa art li kienet tinkera. Il-ktieb jgħidilna li fl-antik din kienet iċ-ċimiterju tar-raħal (fil-fatt tissejjaħ *"cimitero antico"*), imma jkompli jgħidilna li, ladarba ma kienx fih post adekwat għad-dfin, il-gvern bena ċimiterju ieħor – dak ta' San Nikola li għadu jintuża sal-lum. Fl-1896, l-għadam li kien hemm ittieħed fiċ-ċimiterju l-ġdid u l-antik ġie pprofanat u sar proprjetà tal-Cassa. L-art bdiet tiġi mikrija għal sitt xelini u tmien soldi fis-sena. Fiż-żmien meta nkiteb dan il-ktieb, kienet mikrija lil Ġużeppi Ellul[18]. L-aħħar nota hija tas-7 ta' Settembru 1974 u tgħid li l-kapital kien ta' Lm2.13.4.

Wara dawn it-tliet investimenti nsibu żewġ paġni li fihom hemm xi notamenti ta' dħul ieħor li kien isir. L-ewwel paġna ssemmi l-flus li kienu jingħataw bejn l-1956 u l-1967 mill-quddies tal-funerali[19]. Il-medja tal-ħlas għal kull funeral hi ta' żewġ xelini u nofs. Il-paġna l-oħra ġġib l-ammonti li kienu jinġabru mill-ġbir li kien isir fil-knisja[20]. Milli jidher dak iż-żmien il-ġbir kien isir darba kull xahrejn fl-aħħar ġurnata tax-xahar. L-aħħar nota ta' din il-paġna tgħid li fi żmien il-Kappillan Theuma, il-ġbir ma baqax isir fil-knisja u minflok beda jsir darba fil-ġimgħa fit-toroq. Aktar lura,[21] nsibu li fl-1972 din il-ġabra fit-toroq twaqqfet ukoll.

## Il-ġbir tal-fondi

Imiss issa l-lista, sena b'sena u xahar b'xahar, tal-flus li l-Cassa kienet iddaħħal. It-titlu mogħti bit-Taljan lil din it-taqsima huwa ta' *"Introito diverso e straordinario"*, iżda fl-indiċi fil-bidu hemm imniżżel *"Introito raccolte"* peress li fil-maġġoranza tal-każijiet id-dħul kien isir mill-ġabriet li kienu jsiru fil-knisja fl-aħħar ġurnata ta' kull xahar. Din it-taqsima, però, fiha xi dettalji interessanti għax apparti milli tagħti l-ammonti li kienu jinġabru, kultant tagħti wkoll xi ħjiel tal-okkażjonijiet jew tal-mumenti meta l-flus kienu jinġabru – li minn dawn nistgħu naslu għal xi tagħrif dwar l-attività parrokkjali fl-ewwel nofs tas-seklu 20.

L-ewwel nota li nsibu, qabel jibdew il-listi tal-ġabriet, hija ħjiel awtobiografiku li ħalla l-Prokuratur Salvatore Spiteri. Hu jgħid li kien iben Alfonso, li kien Koppi u li beda l-amministrazzjoni tiegħu fl-10 ta' Novembru 1924[22].

Naqraw illi f'din is-sena l-ġabriet saru fil-knisja fit-30 ta' Novembru u fil-31 ta' Diċembru waqt l-ispjega tal-katekiżmu[23]. Nifhmu għalhekk, li almenu darba fix-xahar kienet issir xi forma ta' katekeżi, preżumibbilment għall-kbar, ladarba kienu jinġabru l-flus. Is-sena ta' wara, apparti l-ġabra ta' kull l-aħħar tax-xahar, naraw illi f'Novembru saru diversi ġabriet: ġabra fit-toroq tar-raħal (l-aktar waħda li ħalliet qliegħ dik is-sena) fl-ewwel ta' Novembru, ġabra waqt il-prietka fuq l-erwieħ, li kienet saret fl-istess ġurnata u ġabra waqt il-quddiesa solenni tal-Għid tal-Imwiet. Apparti minn hekk, instabu xi flus fil-kaxxa li kienet titħalla fil-knisja għall-offerti u ngħataw xi flus mingħand Carmela Mizzi għax kienet qalgħet grazzja[24]. Għal diversi snin il-listi jżommu din l-istess forma.

Insibu anke okkażjonijiet fejn xi nies krew xi xemgħat biex jixegħluhom nhar l-għid tal-imwiet: Grazia Barbara biex tixgħelhom fuq il-qabar ta' ħuha

Dun Mikiel (1926-1928), Giovanna Callus (1927), Salvatore Spiteri stess għall-qabar tal-istess Dun Mikiel Barbara (1929) u għall-qabar ta' ommu Vittoria Spiteri (1924-1929).

Il-faldrappa s-sewda kienet ukoll sors ta' dħul ta' fondi peress li kienet tinkera għal żewġ xelini u sitt soldi[25] mill-qraba ta' xi mejtin biex tintuża waqt il-funerali. L-ewwel darba li dan l-użu jissemma hija fl-1930[26].

Apparti mill-offerti ta' flus, ninnutaw li l-Cassa kienet tibbenefika anke minn offerti ta' oġġetti. Naqraw illi fl-1930 Marianna mart Angelo Ellul, Ġużeppa mart Giovanni Grech, Gaetana mart Salvatore Farrugia kif ukoll nies oħra li isimhom intesa taw numru ta' fliexken taż-żejt biex jiddawwal iċ-ċimiterju matul is-sena kollha. Kien hemm min kien jagħmel xi xogħol volontarju wkoll, bħall-mixegħla tal-fanali taċ-ċimiterju, il-kant u d-daqq tal-orgni. Dawn is-servizzi kienu jsiru minn Spiru Bartolo, Angelo Spiteri, Remiġ Sacco, Carmelo Falzon u Gejtan Sacco[26].

Mill-kontijiet tal-1933 nsibu li Spiteri ta lill-Cassa tmien liri erba' xelini u sold minħabba li fil-kontijiet finali tal-ewwel amministrazzjoni tiegħu (1924-1933) kien hemm dan l-iżbilanċ[27].

Minn meta sar prokuratur il-Kappillan Xuereb, fl-1934, ninnutaw li xi nies bdew jagħtu xi flus għaċ-ċimiterju u anke bdew isiru donazzjonijiet għaż-żejt (1935)[28]. F'Jannar tal-1936 insibu l-ewwel nota b'referenza għal bejgħ ta' oqbra għall-prezz ta' seba' liri u għaxar xelini. In-nies li użaw dal-oqbra (għalihom infushom jew għal qrabathom) kienu Angelo Grech, Giuseppe Falzon u Rosa armla Chircop[29]. Xahar wara l-Fratellanza tas-Sagrament xtrat parti miċ-ċimiterju biex tagħmel l-oqbra għall-konfratelli. Il-kuntratt sar quddiem in-nutar Francesco Farrugia. F'Novembru tal-istess sena wkoll, insbu li bdiet tinġabar l-elemożina għall-quddies fl-ottavarju tal-quddies tal-mejtin, li kien isir f'Novembru.

Fl-1937 sar Prokuratur il-Kappillan Inguanez. Dan ħalla nota li fid-29 ta' Awwissu ħa l-pussess bħala Kappillan. Fit-23 t'Ottubru jikteb li l-bilanċ tal-Cassa kien ta' £48 7s. u ¾d. F'Diċembru ta' dik is-sena, żewġ benefatturi privati taw 10 xelini lil din il-fondazzjoni.[30] Sena wara, *"un benefattore del cimitero"* ta l-istess ammont[30]. Fl-1939, fl-aħħar ta' Ottubru, qabbad persuna biex tagħmel ġabra bieb bieb fejn kull persuna ġiet mitluba tagħti 1d. F'Novembru, xorta waħda għamel il-ġabra tas-soltu l-Kappillan stess. Is-sena ta' wara nsibu li xi darba matul is-sena (id-data mhix speċifikata), saret ġabra għall-erwieħ (*"raccolta generale per le anime"*)[30]. Fl-1941 inbiegħu 4 oqbra oħra: nru 24 lil Concetta armla Sacco, nru 16 lil Giovanni M. Busuttil, nru 29 lil Carmela Farrugia u nru 3 lill-werrieta ta' Vittorio Agius. Dawn swew £7-il wieħed. Barra minn hekk, il-Kappillan ġabar xi arretrati tas-snin 1935-1937 għall-kiri tal-faldrappa.[31]

Il-Prokuratur ta' wara Inguanez kien il-Kappillan Zarb, li beda l-ħidma tiegħu fl-1942. Tiegħu nsibu nota li tgħid li qabel Awwissu ma kienx possibbli jsiru l-ġabriet ta' kull xahar li s-soltu kienu jsiru wara l-barka[32], u li minn Awwissu reġa' introduċihom kull nhar ta' Tnejn waqt il-quddiesa[33]. Minnu nsiru nafu wkoll li l-persuna inkarigata tagħmel il-ġabra bieb bieb matul Ottubru kien Francesco Sacco.

Mill-prokura ta' Dun Mikiel Spiteri, li bdiet wara l-parrokkat qasir ta' Zarb, ninnutaw li Francesco Sacco kien jagħmel il-ġabriet għall-quddies[34] u li kull sena kien jidħol ammont sostanzjali ta' flus minn persuni privati għall-quddies. Mill-1943, il-kontijiet ma jibqgħux isiru daqshekk dettaljati u jinkludu biss il-qliegħ mill-kiri tal-faldrappa, il-ġbir li kien jagħmel Sacco, il-ġbir tal-quddies tal-1 u t-2 ta' Novembru u d-donazzjonijiet privati jew it-twettiq ta' wegħdi. Mill-1945 beda jsir ħlas għal kull difna li kienet issir[35]. Fl-1947 jissemma għall-ewwel darba l-*"panigirico in Cimitero"* li matulu wkoll saret ġabra. Mill-1948 jibda jissemma kull sena *"l'ottavario dell anime"* li kien isir f'Novembru. Spiteri spiċċa minn Kappillan fl-1952 u ħalla bagatella ta' £130 9s. 10½d.

Fit-tliet amministrazzjonijiet ta' wara (Dun Pantaleone Orland 1952-1953, Dun Pawl Farrugia 1953-1956 u Dun Luigi Deguara 1956-1957) ma ninnutaw xejn ġdid. Dun Pawl Pace (1957-1959) jispeċifika li l-ġabra fit-toroq kienet għall-festa tal-erwieħ tal-purgatorju[36]. L-aħħar żewġ prokuraturi kienu Dun Ġużepp Theuma (1960-1965) u Dun Angelo Vella (1966-1972). L-unika novità li nsibu hi li fl-1972 ma baqgħetx issir il-ġabra fit-toroq[37].

## L-ispejjeż tal-fondazzjoni

F'din it-taqsima nsibu d-dettalji ta' fejn kienu jintefqu l-flus li kienu jinġabru minn tant ġabriet u donazzjonijiet. Hawn insibu d-dettalji ta' wħud mill-oġġetti li jissemmew fl-inventarju.

L-ewwel spiża kienet ix-xiri tal-ktieb li fuqu kienu qed jitniżżlu dawn id-dettalji[38]. Fost l-ispejjeż l-oħra nsibu ħlas lill-qassisin għal xi quddies li kien isir; ħlas lir-reviżur tal-kontijiet tal-Kurja; ħlas għall-karozza biex il-Kappillan mar il-Belt fuq xi mistoqsijiet marbuta maċ-ċimiterju, jew inkella biex iġġib xi saċerdoti barranin għas-servizzi liturġiċi f'Novembru; ħlas lill-qassisin[39] għall-paniġierku tal-vġili tal-għid tal-imwiet u għall-kant tal-uffiċċju; ħlas lill-organista u lill-kantanti[40]; ħlas għall-fwejjaħ fil-knisja; ħlas għall-bibita u l-kafè lill-konċelebranti; ħlas għax-xemgħa u ż-żejt; xi donazzjonijiet għall-fqar; ħlas lill-abbatini u rġiel[41] li kienu jagħmlu servizzi oħra fiċ-ċelebrazzjonijiet; ħlas għal min kien jixgħel u jieħu ħsieb iċ-ċimiterju[42]; ħlas għas-servizz tat-talb tar-rużarju fiċ-ċimiterju; ħlas lill-gvern biex titwessa' t-triq li twassal għaċ-ċimiterju[43]; ħlas għar-restawr tal-fanali jew manifattura ta' oħrajn

ġodda; ħlas għal xi xogħol fil-bini tal-oqbra bħall-ġir, siment, bxiekel u għodda tad-dfin; donazzjonijiet lill-voluntiera taċ-ċimiterju[44] u lill-ħaddiema biex iwaqqgħu l-kappella l-antika[45]; ħlas għall-quddiesa fl-okkażjoni tal-mewt tal-Papa Piju XI[46]; ħlas għat-tindif u l-induratura tal-gandlieri[46]; ħlas għall-katina u ċ-ċavetta tal-bieb taċ-ċimiterju[47]; ħlas ta' quddiesa solenni fl-okkażjoni tal-mewt tal-isqof Mawru Caruana[48]; ħlas lil dak li kien inaddaf[49] u ħlas għal xi servizzi oħra f'Novembru[50].

Mill-1956 id-dettalji jonqsu drastikament u nsibu biss il-ħlas għal xi quddisiet li saru matul is-sena. Mill-1961 insibu biss il-ħlas tal-quddiesa ta' nhar it-2 ta' Novembru, it-tifkira tal-mejtin kollha. Il-kontijiet tal-ħlas jieqfu fl-1965 u l-aħħar bilanċ reġistrat huwa tal-1967, li kien ta' £20 10s.

## Il-ġbir għall-Kappella taċ-Ċimiterju parrokkjali u l-ispejjeż marbutin magħha

Bħalma għedna fil-bidu, spiss il-Cassa delle S.S. Anime Purganti kienet tkun sors importanti għall-ħlas ta' kappella għaċ-ċimiterju tar-raħal. Fit-taqsimiet tad-dħul u tal-ħruġ tal-fondi, insibu żewġ taqsimiet sekondarji li jittrattaw proprju l-mixja tal-flus relatata mal-Kappella ta' San Nikola. Jidher li fil-każ ta' Ħal Kirkop kienet proprju r-rieda ta' dawk li kienu jagħtu l-flus li l-fondi tal-Cassa jmorru għall-bini tal-kappella, bħalma naqraw fir-risposta tal-kurja għar-rapport li bagħat il-Kappillan Inguanez fl-1939[51].

Mil-lista tal-ħruġ nafu li l-pedamenti tagħha tpoġġew nhar it-30 t'April 1938[52] għax dakinhar il-Kappillan kien ħallas għal 80 kafè għall-ħaddiema.

It-taqsima tal-ġbir tibda mis-sena 1939 u nsibu lista ta' persuni li taw donazzjoniet – uħud minnhom tassew ġenerużi – nhar l-1 ta Novembru[53]. Milli jidher fis-sentejn ta' wara ma sarx ġbir; imbagħad ikompli mill-1942. Ftit 'il fuq għedna li mill-1943 l-ġbir ma baqax jitniżżel b'mod daqshekk dettaljat u l-ġabra ta' kull xahar ma tissemmiex aktar mal-mezzi tad-dħul għall-Cassa. F'din it-taqsima naqraw illi l-ġbir ta' kull xahar fil-knisja beda jmur għall-fond biex tinbena l-Kappella taċ-Ċimiterju.[54]



Il-Kappella ta' San Nikola fiċ-Ċimiterju mat-tlestija mill-kostruzzjoni tagħha, hekk kif l-oqbra bdew jiġu mqassma kif nafuhom illum.

It-taqsima meħuda mill-infiq tagħti ħafna aktar dettalji interessanti li jgħinuna nimmaġinaw aħjar il-ġrajja ta' din il-kappella.

Fl-1940, fl-aħħar ta' Jannar, saru ħlasijiet għat-trakkijiet tal-ġebel li nxtraw mingħand Salvatore Farrugia li kien jaħdem fil-barrieri[55]. Il-ħaddiem li kien jagħmel ix-xogħol tal-bini kien Benedetto Debono u kultant kien jgħinu Emmanuele Mallia. Il-prokuratur kien jagħti l-kuruni lill-voluntiera li kienu jmorru jaħdmu gratis. Bejn l-1938 u l-1939 kien tħaffer bir għaċ-ċimiterju u x-xogħol kien sar b'xejn minn Salvatore Farrugia "tal-Ħarx", Salvatore Farrugia "tal-Ikħal", Benedetto Debono "ta' Rażol", Antonio Debono u xi oħrajn li ma jissemmewx. F'Settembru 1940 dal-bir ġie miksi minn Paolo Cachia u Alberto Cachia minn Ħal Safi biex ma jgħaddix ilma minnu. Ħlasijiet oħra għal dik is-sena u li jibqgħu jidhru minn żmien għal żmien kienu għall-ixkejjer tas-siment u r-ramel u t-trasport tagħhom. Insibu drabi meta l-ħlas għal dawn kien isir minn xi benefatturi, bħal Giovanni M. Busuttil. Mill-ħlasijiet ta' din is-sena nitgħallmu wkoll li l-perit li kien qed jieħu ħsieb ix-xogħol kien U. Mallia, waqt li l-pjanta tal-kappella kien għamilha l-iskultur u disinjatur Salvatore Sammut minn Ħal Luqa[56], li tħallas fl-1941.

Il-kontijiet jieqfu sal-1956, probabbilment minħabba l-gwerra u l-ispejjeż li nqalgħu wara għat-tiswija tal-ħsarat li saru fil-proprjetà tal-parroċċa. Ix-xogħol f'dan iż-żmien kien qed isir minn Giuseppe Cutajar[57]. Bejn l-1957 u l-1958 saru erba' statwi minn Giuseppe Darmanin li b'kollox swew £1.14s. L. Bartoli tax-xemgħa kien imħallas għall-kisi ta' 8 xemgħat li kienu tal-Cassa, u li nassumi li tpoġġew fil-kappella l-ġdida. Fl-1960 din ġiet imbajda minn Serafino Farrugia għall-prezz ta' £7[57].

Jidher li għal xi snin iċ-ċimiterju kien mitluq – fil-fatt bħalma għedna mill-1956 ma jissemmewx aktar ħlasijiet għal nies li kienu jnaddfuh. Fl-1962 insibu nota li tgħid li tħallsu £58 biex jiġi rinnovat iċ-ċimiterju li kien ġie traskurat. Ix-xogħol beda f'Jannar tal-1962 u baqa' sejjer għal disa' xhur meta mbagħad ġie mbierek



Ġammarì Busuttil ta' Soldi, li kien benefattur taċ-Ċimiterju.

mill-ġdid. Sentejn wara l-iskultur Marco Montebello tħallas £85 għall-istatwa ta' Kristu Rxoxt li għamel għall-kappella u għal xi xogħlijiet oħra.

L-aħħar nota ta' ħlas ġejja mill-1965 mingħajr ma tagħti dettalji. Fl-1975 Dun Angelo Vella ħalla miktub li l-ispejjeż tal-Cassa delle Anime purganti u taċ-ċimiterju kienu ilhom żmien jitħallsu mill-parroċċa[58].

## Għeluq

L-aħħar taqsima tal-ktieb hija kopja tar-rapporti li kull amministratur kien jibgħat lir-reviżur tal-Kurja kull tant żmien biex id-dħul u l-infiq jiġu riveduti. Fiha nsibu l-istess kontijiet li nsibu f'taqsimiet oħrajn, imma b'inqas dettalji u ragruppati skont il-kwalità tal-ġbir jew l-infiq. Kull rapport fih ukoll risposta mir-reviżur li fih jingħad li kollox kien f'postu jew inkella li kien hemm xi kontijiet pendenti, skont ma jkun il-każ.

Din kienet il-ħidma tal-aħħar ħamsin sena tal-Veneranda Cassa delle S.S. Anime Purganti fir-raħal ta' Ħal Kirkop. Bħalma ġara lil diversi għaqdiet parrokkjali oħra, din spiċċat fix-xejn ukoll, iżda d-dokumenti li ħalliet warajha jagħtuna idea ċara ħafna tal-kontribut siewi li tat fl-istorja ta' dan ir-raħal kif ukoll ifakkruna fil-patrimonju li ħalliet li llum huma l-wirt ta' kull Koppi.

**Referenzi**

1 *Libro terzo appartenente alla Venerabile Cassa delle S.S. Anime Purganti eretta nella S.ta Par.le Chiesa di Casal Chercop format nell'anno 1924*, f.1.

2 "[...] *per Libro II s'intende quello incominciato nel 1807 e terminato nel 1924.*"

3 Mill-informazzjoni li għandi aċċess għaliha, b'mod partikulari l-kotba dwar Ħal Kirkop miġbura mill-Professur Horatio C. Vella, mkien ma sibt referenza ċara għat-twaqqif ta' din il-fondazzjoni.

4 f.96.

5 f.92.

6 "*Marzo 1: Pagato 6s. al M.R. Don Salvatore Pavia D.D. vicario curato del Casale, per la predica dell Anime fatta nella 2da Domenica di Quaresima, più 4s. 6d. per un missalino dei Defunti*" f.93

7 f.97.

8 f.98; f.100.

9 "*Novembre 2: [Pagato] £1 al lattaio Giuseppe Galea per manifattura di 24 fanali pel cimiterio. Più 2s. a Concetta Sacco per 24 bicchierini ai detti fanali*" f.93.

10 f.95

11 f.98

12 "*Dicembre 31: £3 17s. 2d. per 1 coltre di velluto per le grandi occasioni pagai a Carmelo Galea fu Filippo per velluto fino, fiocchi, frangia e gallone (lavoro gratuito della sarta e disegno del Parroco Inguanez anch'esso gratuito)*" f.107.

13 Milli nistgħu nifhmu din kienet xi għaqda tal-parroċċa li kienet tippromwovi l-adorazzjoni Ewkaristika.

14 f.109.

15 "*Gli altri capitali e legati registrati nel Libro Secondo, non si trovano qui registrati per la ragione che non sono reali ed esistenti*" f.7.

16 f.9.

17 f.17.

18 f.25.

19 f.43.

20 f.47.

21 f.73.

22 "*Amministrazione di Salvatore Spiteri, figlio di Alfonso, da questo Casal Chercop, dal 10 Novembre 1924.*" f.51. Ladarba jgħid "*figlio di Alfonso*" u mhux "*figlio del fu Alfonso*" nifhmu li missieru kien għadu ħaj. F'f.58, meta tibda t-tieni amministrazzjoni tiegħu fl-1 ta' Ottubru 1933, insibu appuntu "*figlio del fu Alfonso*"; mela missieru miet bejn l-1924 u l-1933.

23 ibid. "*Roccolti in chiesa durante la spiega del Catechismo*".

24 ibid.

25 "*I diritti di coltre sono calcolati a 2s. 6d. per volta.*" f.56.

26 f.55.

27 f.58.

28 "*una persona pia offre a pro del cimitero*" f.59.

29 "Per la *concessione di tre avelli*" f.60.

30 f.61.

31 f.63.

32 Għandi nifhem li dawn huma l-istess ġabriet li qabel kienu jsiru fl-aħħar ta' kull xahar.

33 f.64.

34 f.67.

35 "Diritti imposte sulla sepoltura in Cimitero" f.67.

36 f.70.

37 f.73.

38 f.91

39 Fost il-paneġiristi u saċerdoti oħra li jissemmew hemm Dun Giovanni Battista Diacono, Dun Ġużepp Farrugia, Dun Salvatore Pavia, Dun Anton Xuereb, il-Kan. Dun Pawl Buttigieg, il-Kan. Dun Lorenzo Segona, Dun Franġisk Xuereb, P. Alifio Xerri O.E.S.A., Dun Ġużepp Borg, Dun Giovanni Mifsud, Dun Ġużepp Scicluna, Dun Ġwann Sciberras, P. Publiju Micallef O.S.A, Dun Luret Zammit, Dun Franġisk Magri. P. Leonardu Zammit o.f.m., Dun Giovanni Palmier, Dun Emmanuel Gerada (li wara sar Isqof u Nunzju ta' El Salvador), P. Rodrigu ta' Santa Tereża O.C.D., Dun Lawrenz Saliba, Dun Ġużepp Pace, Dun Ġużepp Minuti, Dun Ġużepp Desira, Dun Leonardu Farrugia, Dun Salv Farrugia, Dun Mikiel D'Amato, P. Klement Caruana O.Carm u Dun Feliċ Tabone flimkien ma' diversi Patrijiet Dumnikani, Franġiskani u Karmelitani li ma jissemmewx b'isimhom.

40 Sal-1929 kien Lorenzo Sacco, wara sar Angelo Spiteri. Fost il-kantanti jissemmew Carmelo Falzon, Giuseppe Buhagiar u s-seminarista Leonardu Farrugia.

41 Fost dawn jissemmew Giuseppe Gabriele, Giuseppe Grech, Salvatore Mifsud.

42 Sal-1936 jissemma' Spiru Bartolo, imbagħad Francesca Grima.

43 f.103

44 f.105

45 f.106. Fost il-ħaddiema 'l quddiem (fl-1942) jissemmew Leonardu "taċ-ċik" u G. Falzon "tat-tent" (f. 110).

46 f.108

47 f.109

48 Minkejja li l-kliem jgħid: "17 Gennaio: per una messa solenne nel **trigesimo della morte** di Sua Ecc. R.ma Mons. Dom Mauro Caruana arci vesc. di Malta" (f.111) bilfors li dan huwa żball għax Caruana miet fis-17 ta' Diċembru 1943. Hu kien ġie nominat Isqof ta' Malta fit-22 ta' Jannar 1915 u ġie ordnat fil-bażilka ta' Santa Maria in Trastevere, Ruma, nhar l-10 ta' Frar. Din il-quddiesa nassumi li kienet b'suffraġju għal ruħu wara li miet, li ma setgħetx issir qabel peress li miet fil-bidu tan-novena tal-Milied u għalhekk kellu jgħaddi żmien il-Milied kollu qabel setgħet issir bil-pompa kollha mistennija. Kull meta jmut Isqof issir quddiesa għal ruħu f'kull parroċċa tad-

djoċesi tiegħu.

[49] jissemma C. Ellul.

[50] jissemma Leonardo Agius.

[51] *"il bilancio in cassa, [...], per volontà dei contribuenti, deve essere applicato nella costruzione della cappella erigenda del Cimitero della Parrocchia"* f.181.

[52] f.106 "80 caffè serviti ai lavoranti (del)le fondamenta per 1 cappella al Cimitero."

[53] f.74

[54] f.77

[55] f.124.

[56] "Al maestro scultore e disignatore della pianta della cappella del Cimitero, Salvatore Sammut, da Casal Luca" f.125.

[57] f.127.

[58] f.128.